MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 247/2013

**John Abela ID 495462M ghan-nom tas-socjeta’ civili Horwath (Malta)**

**vs**

**Prinz Distributors Co Ltd C21503**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f’dna l-AVVIZ l-Attur qed jitlob minghand is-Socjeta’ Konvenuti l-hlas ta’ tlett elef, sebgha u erbghin Ewro erbgha u ghoxrin centezmi (€3,047.24c) ghal servizzi ta’ *accounts/audit* mwettqa kif mitluba mis-Socjeta’ Konvenuta – ara *fol* 17.

L-AVVIZ hu akkumpanjat minn kopja ufficjali ta’ ittra ufficjali prezentata mill-Attur fit-22 ta’ Frar 2013 skond art 166A tal-Kap 12 li titlob dan il-klas u li pprecediet l-Avviz. Ma din l-ittra hemm ukoll Dikjarazzjoni tal-fatti b’konferma ta’ dak mitlub – ara *fol* 2-4 u 14-16.

**Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-

1. Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu jipprova l-interes u n-ness guridiku tieghu fil-konfront tal-eccipjenti u kif ukoll il-personalita’ guridika tieghu ghal finijiet ta’ kif qed tigi proposta l-azzjoni attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-attur qatt ma wettaq ix-xoghol li ghalih qed jitlob il-hlas u/jew jekk twettaq, sar biss in parte u mhux komplut u lanqas ma hu a sodisfazzjoni tal-eccipjenti.
3. Illi fi kwalunkwe kaz l-eccijenti qed ssofri danni u tehel penali minhabba n-nuqqas tal-attur liema danni u pernali ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-istess attur.

**Ra** li fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni gew esibiti mill-attur dokumenti ma Nota *a fol* 24 prezentata mill-Attur.

**Ra** li fl-udjenza tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2014 tnizzel li l-provi fl-AVVIZ 248/13 bejn il-kontendenti ikunu jghoddu ghal hawn ukoll.

II PROVI

1. **<u>John Abela</u>** qal li hu ghandu 90% mis-*civil partnership* skont l-Accounting Services Act, bl-10% huma ta' Jason Scicluna u s-socjeta' taghhom hi parti minn Crowe Horwath International. B'hekk qed jirraprezenta dan is-*civil partnership.*

2. Is-Socjeta' Konvenuta ilha klijenta taghhom ghall-ahhar 8 snin (xehed fit-18/3/2014) u jipprovdilha *accounting and auditing services*. Fl-ahhar sentejn kellhom problema ta' *outstanding balances* rigwardanti l-*auditing*. Dana ghax l-etika tghid li jekk ikun hemm bilanc dovut "jista jkun li ahna ma nistghux nuru l-indipendenza taghna u minhabba f'hekk rigwardanti l-*audit* tal-31.09.2010 li jkun ikopri l-perijodu sa Dicembru 2009 ahna konna ppreparajna l-karti kollha" ma setghux jipprezentaw *audit*. Sal perijodu li kienu thallsu huma pprezentaw id-dokumenti kollha lill-MFSA bhas-soltu. Il-VAT *forms* gew prezentati sa Gunju 2012 billi hawn l-etika ma tidholx.

3. Qatt ma kellhom ilmenti rigward xogholhom. L-ammont mitlub hu dovut.

4. **<u>Michael Baldachcino</u>** ghas-Socjeta' Konvenuta ikkonferma li dejjem kellhom relazzjoni normali mal-attur avvolja kien ikollu xi bilanc dovut. Kienu jintbaghthuli persuni different, anke sa 6 f'sena. Kien jigi xihadd darba fix-xahar. Dan kien ifisser spejjes zejda billi ta' wara kien ikun irid jara x'ghamel ta' qabel izda hu dejjem hallas.

5. Huma waqfu joperaw f'Ottubru 2009. Ra li l-*auditing accounts* tal-2009 ma kienux lesti u anqas tal-2010 u "ghadni sal-gurnata tal-lum (xehed fid-29.10.2014) niehu multi rigwardanti dawn l-*accounts"*. Fid-dok *a fol* 5 tat-248/13, it-tmien item juri tardjar fil-lista tal-*audited accounts.*

6. L-ilment ewlieni tieghu mhux fuq il-*quantum* mitlub billi mhux qed jara xi somma straordinarja izda dwar id-dewmien.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL iqis li kulhadd irid jithallas ta’ xoghlu (omnis labor optat praemium), li x-xoghol irid isir sewwa u fil-hin miftiehem u dejjem skond in-natura tax-xoghol. Dana bl-ispiza jew prezz miftiehem jew, f’kaz ta’ nuqqas ta xi ftehim specifiku, skond is-suq.

2. Fil-kaz taht ezami, il-*quantum* mitlub mhux qed jigi fih innifsu kontestat; qed jigi sollevat li m’ghandux jithallas minhabba li s-Socjeta’ Attrici ttardjat u dan wassal biex is-Socjeta’ Konvenuta tinkorri multi mill-MFSA.

3. Da parti tas-Socjeta’ Attrici qed jigi sostniet li x-xoghol kien lest kif ghandu jkun imma huma, skond l-etika, ma setghux jipprocedu biex iressqu l-*audited accounts* billi kien hemm hlas pendenti mill-klijenti lilhom.

4. It-TRIBUNAL jinnota li din tat-tardjar ma hiex kontestata car u tond mis-Socjeta’ Konvenuta u wara li sama u osserva lix-xhieda iqis li ghandu jaccetta t-talba attrici.

DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-Socjeta’ Konvenuta (2) **jilqa** t-talba attrici (3) **jikkundanna** lis-Socjeta’ Konvenuta thallas lill-Attur John Abela ghan-nom tas-socjeta’ civili Horwath (Malta) il-*quantum* ta’ tlett elef, sebgha u erbghin Ewro erbgha u ghoxrin centezmi (€3,047.24c) bl-imghax mit-13 ta’ Settembru 2013 sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundanna** lis-Socjeta’ Konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra mitlub fl-AVVIZ.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------